MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1387/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Nadia Al Sous Rapinett – I.D. 282776M**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm778.45c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21317191 liema servizz gie nstallat fil-fond 97, Triq Cameron, Gzira skond diversi kontijiet mibghuta lilha.
Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-konvenuta Nadia Al Sous Rapinett, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm778.45c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------